


Sa mill-bidu nett, l-antenati tagħna kellhom devozzjoni kbira lejn il-Madonna u kienu jirrikorru lejha speċjalment fid-diffikultajiet tal-ħajja. Din id-devozzjoni u qima baqgħet tintewera wkoll wara li l-Knisja l-qadima tal-Viżitazzjoni tal-Beata Verġni Marija saret parroċċa, kif tixhed tajjeb pittura żgħira 'ex-voto' li tinsab fis-sagristija tal-istess knisja.

Din il-pittura ġġib d-data tal-1768. Fiha jidhru ħafna nies ġo dgħajsa tal-qlugħ u fuq l-arblu hemm tperper bandiera tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Il-baħar jidher qawwi ħafna u n-nies jinsabu fil-periklu li jitilfu ħajjithom. Iżda l-Madonna tal-Viżitazzjoni, li x-xbiha tagħha tidher fil-kantuniera tal-kwadru ssalvahom mill-għarqa. Il-kitba V.F.G.A tikkonferma li dawn in-nies għamlu wegħda lill-Madonna u ġiet maqlugħa bl-interċessjoni tagħha.

Insibu ħafna grazzji oħra li ġew maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna, fosthom dawn li ġejjin:

Roża, tifla ta' erbatax -il sena minn Sannat kienet qalgħet riħ u qabadha deni qawwi, tant li ma baqgħetx tiekol u bdiet sejra mill-ħażn għall-agħar. It-tabib tal-familja qalihom li ma tantx kien hemm tama ta' fejqan. Il-Kappillan ta' Sannat talab liz-ziju tagħha li nzerta kien il-Kan. Dun Karlu Galea, mill-Għarb, biex iġiblu flixkun ilma minn dak li kien joħroġ min-nixxiegħa li kien hemm dari taħt iz-zuntier. Hekk għamlet u t-tifla xorbot l-ilma ta' dan il-flixkun. Ħaġa tal-għaġeb, hekk kif bdiet tieħu minnu qalbet għall-aħjar u ftit wara għaddielha ftit id-deni. Ftit ġranet wara fieqet għal kollox. Dan il-fatt nafuh għaliex Dun Karlu Galea rrakkontah lill-Arċipriet Debrincat fit-3 ta' Diċembru tal-1890. Dan l-Arċipriet kien kiteb dawn il-ġrajjiet kollha li llum jinsabu fl-Arkivju tal-Knisja Parrokkjali.

Fis-16 t'Ottubru, 1920, Pawlu Vella u ibnu Wiġi kienu fuq dgħajsa flimkien ma' Feliċ Portelli u ħuh Wiġi. Beda ġej il-maltemp u ħalel kbar ta' mewġ qalbu d-dgħajsa tagħhom. Wiġi Portelli telaq bil-għawm u f'daqqa waħda ma rawhx iżjed. It-tlieta l-oħra baqgħu mqabbdin mad-dgħajsa u f'dak il-mument ftakru fil-qawwa tal-Madonna tal-Viżitazzjoni u talbuha bil-ħerqa biex issalvahom mill-għarqa. Id-dgħajsa bdiet dieħla bil-mod il-mod lejn in-naħa tal-Ġebla tal-Ġeneral sakemm fl-aħħar lemħu resqin lejhom lil Ġużeppi Cremona u Salvu Gauci. Dawn ġibduhom għal fuq id-dgħajsa tagħhom u b'hekk, salvaw mill-għarqa.

Nikola Portelli li jiġi n-nannu tiegħi (tal-awtur) kien siefer lejn l-*Algiers* għaliex kellu zijuh Kalanċ jgħix hemmhekk. Darba mar għall-kaċċa u wara li kien ilu jiġġerra' ħafna qalb is-siġar, intebaħ li kien tilef it-triq. Ipprova biex jara jilmaħx xi passaġġ biex jimxi miegħu, iżda kollu għal xejn. Hekk kif beda jidlam, qabduh dwejjaq kbar, iżda malajr ftakar fil-Madonna taż-Żejt u b'fidi kbira talabha biex tidħol għalih. Għamel ukoll wegħda li jekk il-Madonna terġa' ssiblu triq meta jiġi lura lejn l-Għarb imur jinviżtaha u jagħti somma flus biex jinxtara ż-żejt li jinxtegħel quddiemha. Kompla miexi u fl-aħħar irnexxielu jsib t-triq ta' qabel u baqa sejjer għand zijuh.

Rożalija Fiteni minn San Lawrenz, ġurnata waħda, meta kienet għadha tifla, daħlet sifja f'għajnejha u ma setgħetx toħrogħa bl-ebda mod, lanqas bil-għajnuna tat-tobba ta' dak iż-żmien. Għajnha kienet taħraqha mhux ftit u għalhekk iddeċidiet li titlob lill-Madonna u maret iġġib l-ilma li kien joħrog min-nixxiegħa ta' taħt iz-zuntier tal-Knisja taż-Żejt. Bdiet novena lill-madonna ma' persuna oħra u bdiet taħsel għajnha b'dak l-ilma tan-nixxiegħa. Xi ġranet wara messet għajnha li kienet marida u ħaġa ta' l-għaġeb din is-sifja u l-uġigħ mar kollu.